# Slovenia & Croatia

**GRUPP A: 15-22 TA' LULJU**
**GRUPP B: 09-16 TA' SETTEMBRU**

**INŻURU: LJUBLJANA, LAKE BLED, BOHINJ,NOVO MESTO, PORTOROZ, ISOLA, PIRAN, POSTOJNA CAVES ,ZAGREB**

### L-EWWEL JUM
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fit-08.25 għat-titjira FR3694 li ttir fl,10.25 u naslu Trieste f,12.12. Transfer lejn **Ljubljana** sejn ser inqattgħu din il gimgħa fil-Hotel Park fiċ-ċentru ta' Ljubljana. Check in u wara ħarga mal-leader biex nibdew niskopru din il-belt sabiħa. Għal dawk li bbukjaw il-half board l-ikla tkun dejjem fil-hotel filgħaxija

### IT-TIENI JUM
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Novo Mesto** fejn flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post. Inżuru wkoll razzett antik li ġie rrestawrat fuq stil tradizzjonali. Hawn ikollna wine tasting u nkunu nistgħu nduqu xi ikel tradizzjonali (extra). Wara jkollna cruise fuq ix-**xmara Krka** fejn ngħaddu minn taħt erba' pontijiet u naraw ħafna siti interessanti matul din ix-xmara sabiħa. Insomma esperjenza unika! Nirritornaw lura l-lukanda.

### IT-TIELET JUM
Illum noffrulkom **City Tour** ta' nofs ta'nhar mill-izjed interessanti fejn inżuru l-belt ta' **Ljubljana,** il-kapitali ta' Slovenja. Mal gwida tal-lokal turina l-aqwa postijiet ta'din il-belt. Nibdew mill-famuża funtana ta' tliet xmajjar u l-bini tal-muniċipju Rotvoz. Ngħaddu minn fuq il-pont triplu Tromostovja, il-pjazza prinċipali Presernov,il-knisja Neo Klassika Franġiskana, Cerkev u nispiċċaw bil-famuż kastell ta' tat-tnax -il seklu mnejn ukoll ingawdu l-veduti spettakolari ta' Ljubljana kollha taħtna. Minn hawn ninżlu mill-ġdid lejn iċ-ċentru fejn ikollna ħin liberu.

### IR-RABA' JUM
Illum ikollna l-opportunita' li nżuru **Bled u Bohinj** ġewwa s-Slovenja. Għalhekk wara l breakfast, eskursjoni ta' ġurnata għal Bled u Bohinj. Din ser tkun qalb xenarju stupend sakemm naslu Bled, villaġġ imdawwar bil-lag li f'nofsu nsibu gzira żgħira. Nieqfu għal sightseeing u għal min irid jista' jmur dawra bil-boat (extra) madwar il-lag u Bled Island. Wara nżuru Bohinj,imdawwar b'xenarju mill-aqwa ta' muntanji. Bohinj hu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ postijiet fil-qalba tal-**Julian Alps.**

### IL-ĦAMES JUM
Wara l-breakfast għandna ġurnata oħra mill isbaħ fejn ser inuru parti il kosta sabieħa tas-Slovenia **Isola, Piran u Portoroz**. L-ewwel waqfa tkun ħewwa Piran fejn nagħmlu dawra fliemkien fejn naraw toroq dojoq mill aktar pittoreskisa ma nasli piazza Tortini bil-katidra ta'San Ġorg u kif ukoll il-port. Ħin liberu u wara nkomply lej Portoroz, wieħed mill akbar resorts turistiku fis-Slovenia, hawn insibu ħafna lukandi lussużi, restaurants, casino u ħwienet mill isbaħ.L-aħħar waqfa se tkun ġo Izola 'villaġġ tas-sajjieda' ikollna ħin biżżejjed biex niskopru dan il-villaġġ tant sabieħ.

### IS-SITT JUM
Il-ħarġa ta' llum toħodna fil-belt ta' **Zagreb**, il-kapitali tal-Kroazja. Flimkien mal-gwida tal-lokal naraw il-Pjazza Prinċipali tal-Belt, Trg Bana Jelacica bil-monument fin-nofs.



**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**990**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,040 | €990 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,040 | €990 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,305 | €1,255 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ persuni | €940 | €890 |

*Half board available-Rates on request*

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Malta Air għal Trieste
- 20kgs Checked in Luggage
- Transfers u eskursjonijet skont il-programm (entraturi mhux inklżi)
- 7 iljieli-Hotel Park Ljubljana 3 Star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

Naraw ukoll il-Katidral ta' San Stiefnu, il-Palazz tal-Arċisqof, it-triq ta' Tkalciceva, il-Knisja ta' Santa Katerina eċċ. Wara ħin liberu għal personal sightseeing.

### IS-SEBA' JUM
Breakfast u eskursjoni għal **Postojna Caves** biex inzuru dawn l-għerien ta' fama mondjali. Naqbdu l-electric train (mhux inkluża) biex induru dawn l-għerien u hawn ingawdu l-ġmiel ta' l-Istalagmites li nsibu hawn ġew. Dan it-tour jieħu madwar siegħa u nofs u jkun hawn gwida biex tispjegalna dak li naraw. Nkomplu lejn **'Predjama Castle'** li hu l-aktar kastell popolari fis-Slovenja.

### IT-TMIEN JUM
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Trieste biex nagħmlu ċ-check in għat-titjira FR3695 li ttir fis-12.45 u naslu lura Malta għall-ħabta fit-14.40